Minuti tat-48 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar l-Erbgha 20 ta' Frar, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-46 u 47 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Offerti u kwotazzjonijiet.**

2.1 Gew trattati l-kwotazzjonijiet M313-04 sa M313-10 in relazzjoni mal-progett Diversifying Rural Tourism Offer Through Leisure Sports Activities – leisure park fi Triq Tumas Cassar. Gie spjegat illi l-konsulent tekniku tal-progett evalwa l-kwotazzjonijiet u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill a bazi tal-orhos items li jilhqu l-ispecifikazzjonijiet mitluba u li kienu disponibbli mill-istokk.

**2.2 M313/04 – Provvista ta' ghamara ghal leisure park.**

2.3 Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €7080.00. Hawnhekk gew sottomessi diversi kwotazzjonijiet minghand Mquip, Anton Zarb u Green Skip. Il-Kunsill laqa r-rakkomandazzjonijiet tal-Perit u qabel li ghandhom jinxtraw items minghand iktar minn kuntrattur wiehed kif gej:
Minghand Anton Zarb bankijiet ghall-prezz ta' €291.00 'il wiehed, bollards ghall-prezz ta' €102.93 'il wiehed u bins ghall-prezz ta' €319.78 'il wiehed. Minghand Mquip ghall-prezz ta' €436.00 il wiehed u picnic tables ghall-prezz ta' €590.00 'il wiehed. Il-Kunsill qabel li l-kumbinazzjoni ta' items li jinxtraw ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-konsulent tekniku fil-limiti tal-budget disponibbli.

### 2.4 M313-05 – Provvista ta' light fittings ghal leisure park

Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €7080.00. Hawnhekk gew sottomessi 5 kwotazzjonijiet minghand Mquip, Calleja, Patrick & Dominic Refalo, Richard Cauchi u Chris Gauci. Il-kwotazzjoni ta' Mquip u Richard Cauchi Option A kienu jaqbzu l-budget u ghalhekk ma setghux jigu kkunsidrati. L-oghli tal-bollards offruti minn Dominic & Patrick Refalo ma kienx jilhaq l-oghli ta' 1.6 metri kif mitlub u ghalhekk din ma kinitx tikkwalifika. Il-kuntratturi gew ikkuntattjati sabiex jindikaw jekk ghandhomx il-materjal ikkwotat fl-istokk. Chris Gauci kien l-uniku kuntrattur li kellu kollox in stock u ghalhekk kien l-uniku wiehed li jikkwalifika maz-zmien tal-provvista indikat fil-kwotazzjoni. Ghalhekk il-Kunsill qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku u din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded li Chris Gauci ghall-prezz ta' €7075.03.

### 2.5 M313-06 – Provvista ta' seating ghal-leisure park

2.6 Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €6600.00. Hawnhekk giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Mquip. Il-prezz ikkwotat huwa ta' €6577.20 u ghalhekk fil-limiti tal-budget disponsibbli. Il-Kunsill qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku tal-progett u din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil Mquip.

### 2.7 M313-07 – Installazzjoni ta' ghamara ghal-leisure park

2.8 Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €1500.00. Hawnhekk giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Xerri's Garden Centre. Il-prezz ikkwotat huwa ta' €488.25 u ghalhekk fil-limiti tal-budget disponsibbli. Il-Kunsill qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku tal-progett u din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil Xerri's Garden Centre.

### 2.9 M313-08 – Installazzjoni ta' light fittings ghal-leisure park

2.10 Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €2000.00. Hawnhekk gew sottomessi 4 kwotazzjonijiet minghand Noel Borg, Patrick & Dominic Refalo, Richard Cauchi u Chris Gauci. Il-kwotazzjonijiet ta' Patrick & Dominic Refalo u Richard Cauchi jaqbzu l-budget u ghalhekk ma gewx ikkunsidrati. Il-kwotazzjonijiet ta' Chris Gauci u Noel Borg it-tnejn fil-limiti tal-budget disponibbli b'dik ta' Chris Gauci €24.52 oghla minn dik ta' Noel Borg. Peress li Chris Gauci huwa l-kuntrattur maghzul biex jaghmel il-provvista ta' light fittings intlaqghet ir-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku li l-kwotazzjoni ghall-installazzjoni tinghata lill-istess persuna jigifieri lil Chris Gauci ghall-prezz ta' €1904.96.

**2.11 M313-09 – Stallazzjoni ta' seating ghal-leisure park**

**2.12** Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €1500.00. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Xerri's Garden Centre ghall-prezz ta' €1092.00 u ghalhekk fil-limiti tal-budget disponibbli. Il-Kunsill qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku tal-progett u din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil Xerri's Garden Centre.

**2.13 M313-10 – Landscaping ghal-leisure park**

**2.14** Il-budget allokat ghal din il-kwotazzjoni huwa ta' €3000.00. Gew sottomessi 3 kwotazzjonijiet minghand Gaia Foundation, Xerri's Garden Centre u Agriproducts Ltd. Il-Kunsill qabel li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-konsulent tekniku tal-progett u din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil Xerri's Garden Centre li kien l-irhas ghall-prezz ta' €2837.46.

**2.15** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tax-xogholijiet fuq il-leisure park fi Triq Tumas Cassar li mexjin b'ritmu mghaggel. Il-Kunsill qabel illi fit-23 ta' Frar, ghandha ssir l-inawgurazzjoni jew zjara lill-progett mill-Prim Ministru l-Onor. Lawrence Gonzi u dan jiddependi jekk ikunux tlestew ix-xogholijiet.

**2.16** Il-Kunsill qabel ukoll illi il-Hadd 24 ta' Frar fl-10.00am ghandha ssir l-inawgurazzjoni tar-restawr fil-Knisja taz-Zejt.

**3. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2012.**

3.1 Gie spjegat illi l-Financial Statements li kellhom ikunu sottomessi lill-Kunsill mill-Accountant Johanna Caruana kien ghadhom mhux sottomessi lill-Kunsill sal-hin tal-laqgha. Il-Kunsill qabel ghalhekk li dawn ghandhom ikunu sottomessi fil-hin lill-Ufficju tal-Awditur Generali peress li d-deadline hija 21/02/13.

3.2 Lisa Marie Brooke waslet ghal laqgha hin 5.10pm.

**4.0 Aggornament dwar xogholjiet u progetti.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tax-xogholijiet fi Triq Trux bhala parti mill-kuntratt tal-PPP. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat ittra lir-residenti kkoncernati dwar it-tnehhija ta' sigar minn fuq il-bankini. Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet ta' bdil ta' servizzi li qed isiru f'din it-triq. Gie spjegat illi l-materjal u x-xoghol huwa a karigu tal-WSC filwaqt illi t-trenching u l-backfilling huwa a karigu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Saret diskussjoni dwar il-progett ta' pavimentar li sar fil-Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali a karigu tal-WSC. Gie diskuss il-fatt illi l-WSC bidlet partijiet mill-pavimentar peress li l-materjal ma kienx ta' kwalita' tajba.Il-Kunsill iddiskuta t-triq fi Pjazza Zjara tal-Madonna kantuniera ma Triq Dun Alwig Mizzi fejn it-triq nizlet. Il-Kunsill qabel li din il-parti ghandha timtela' biz-zrar.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-rubber flaps li hemm madwar is-sundial fil-Pjazza. Filwaqt li l-Kunsill qabel li dawk miksura ghandhom jinbidlu, il-Kunsill qabel ukoll illi l-flaps ghandhom jinbidlu minn plastik ghal ohrajn ta' materjal iehor.

4.4 Emanuel Muscat ressaq ilment li rcieva li wiehed ma jistax jghaddi bil-wheelchair minn fuq il-bankini tal-Pjazza. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi n-naha tal-folklore museum hemm arblu li jaghmel il-moghdija bil-wheel chair difficli. Is-Sindku ppropona illi l-arbli jistghu jigu trasferiti fuq in-naha l-ohra tal-Pjazza izda zied illi fejn hemm garage huwa statutorju li dan ikollu rampa. Is-Sindku spjega illi meta kienu qed isiru l-bankini intuza l-injam sabiex ix-xfar tal-bankini nzammu baxxi kemm jista' jkun. Is-Sindku spjega wkoll illi kien hemm ilment minn Luigia Mercieca fejn kienu involuti anke l-kummissjoni nazzjonali persuni b'dizabilita'. Gie spjegat illi l-Perit inkarigat kien tkellem mal-kummissjoni persuni b'dizabilita' fejn kien hemm qbil li jintuza l-injam u ghalhekk kien hemm l-approvazzjoni taghhom ghall-mod kif saru l-bankini.

## 5 Skeda ta' pagamenti.

5.2 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 6 Korrispondenza u materji ohra.

6.2 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

6.3 Mill-Mepa:Applikazzjonijiet godda ghal-permess ta' zvilupp PA480/13, PA286/13, PA193/13. Korrispondenza dwar PA3729/10 – to install photovoltaic panels along football pitch perimeter. Gie spjegat illi l-Mepa ma accettatx li l-pannelli jkunu stallati mad-dawra tal-ground u ghalhekk qed jigi propost li dawn ikunu stallati fuq is-seating area. Il-Kunsill qabel unanimament. Gie spjegat illi l-Perit gie mitlub jaghmel photo image ta' din il-proposta.

6.4 Giet trattata korrispondenza mill-EUTO fir-rigward ta' Annual Study Visit bit-tema 'Island Tourism – The Experience of an Eco Destination and EDEN Recognition' li ser jinzamm bejn is-6 u 13 ta' Ottubru gewwa Malta.

6.5 Mill-Malta Council for the Voluntary Sector dwar inizjattiva flimkien mal-Kunsilli Lokali biex issir laqgha ta' informazzjoni ghall-NGO's fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir.

6.6 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skemi ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet storici zghar u progetti specjali f'lokalitajiet zghar fejn il-Kunsill gie mgharraf li t-talbiet tieghu ma gewx maghzula.

6.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-konkors EDEN 2013 fejn fil-prezent hemm l-applikazzjonijiet miftuha. Il-Kunsill qabel illi ghandu japplika.

6.8 Gie trattat ilment ta' Angelo Cauchi dwar problema ta' access ghal sqaq ta' hdejn ex-kunvent tas-sorijiet fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu d-direzzjoni ta' Transport Malta jekk jistax isir parkegg faccata ta' l-isqaq jew le.

6.9 Gie diskuss ilment sabiex jitnehhew ir-road humps fi Triq Trux. Fil-prezent m'hemmx road humps ghax qed issir it-triq pero l-Kunsill iddiskuta jekk dawn ghandhomx jergghu isiru ladarba titlesta t-triq. Il-Kunsill qabel li peress li dawn kienu approvati minn Transport Malta ghadhom jithewwew biss bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

6.10 Raymond Cassar issuggerixxa li ghandha ssir mera tat-traffiku ghal Sqaq fi Triq Frenc ta' l-Gharb li tehel in-naha tal-monument ta' Frenc ta' l-Gharb. Ser issir talba lil Transport Malta.

6.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-magazin 4 Snin Hidma li fil-prezent qed jigi preparat.

6.12 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' Seher il-Punent 2013 fejn il-Kunsill iddiskuta d-dati tentattivi. Gie propost lejn l-ahhar ta' April u kien innutat li dan jahbat mal-fireworks festival li jsir gewwa Malta. Il-Kunsill qabel li peress li l-attivita' tal-Karnival thassret minhabba l-maltemp l-ispettaklu tal-Karnival ghandu jkun parti minn Seher il-Punent. Il-Kunsill qabel li l-weekend ta' 04/05/13 ghandu jigi indikat lid-Dipartiment Gvern Lokali bhala d-data tentattiva meta ser isir il-festival.

6.13 Rega' gie mfakkar dwar l-attivitajiet li ser isiru fit-23 u 24 ta' Frar kif deciz aktar kmieni fil-laqgha.

6.14 Il-laqgha spiccat hin 6.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv